MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 412/2007

**Doris u Marthese Chirkop**

**vs**

**Joseph Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Mejju 2007, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm200.00 illum ekwivalenti ghal Euro465.87c (erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu) rapprezentanti valur tal-hsarat kawzati fil-bini ta' l-istess atturi cioe l-fond numru 22 Sqaq Dun Perin, B'kara meta ghamel xoghol strutturali fil-fond tieghu adjacenti ghal dak ta' l-atturi.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 21 ta' Gunju 2007 fejn ikkontesta t-talba attrici in vista tal-fatt li jallega li huwa ma kienx responsabbli ghal allegata hsara. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Evalwa wkoll ir-rapport kemm verbali u kif ukoll bil-miktub tal-perit tekniku Valerio Schembri nominat minn dina l-Qorti.

Ikkunsidra.

Fl-affidavit taghha l-attrici Marthese Chircop tghid illi qabel ma beda x-xogholijiet il-konvenut fil-post tieghu, d-dar taghhom kienet fi stat tajjeb kif jirrizulta anke minn certifikat mahrug mill-Perit Paul Borg, il-perit ta' l-istess konvenut datat 4 ta' April 2005 (fol 13). Tallega li hekk kif il-konvenut beda jahdem, mal-ewwel tfaccat konsentura fid-dar taghhom. Meta kellmet lil Perit Louis Borg dan qalilha skond hi li din giet kawzata minhabba x-xoghol tal-konvenut. Tichad li l-hsara grat minhabba skavazzjoni ta' hofra esekwita minn terz kif qed jipprova jallega l-konvenut peress illi l-hofra tat-terz saret fis-sena 2003 filwaqt li huma nnotaw bil-hsara ghandhom fl-ahhar tas-sena 2005 u cioe meta beda jahdem il-konvenut. L-attrici gabet stima ta' Lm200.00 minghand il-Perit Louis Borg biex tirrimedja l-hsara datata 2 ta' Marzu 2007 (fol 22. Dok DC 1). L-attrici Doris Chircop tikkonferma bejn wiehed u iehor il-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' bintha u spjegat aktar fid-dettal il-ghala tahseb li l-hsara giet kawzata minn xoghol il-konvenut.

Carmel Chircop prodott mill-atturi jispjega kif qieghdin id-djar rispettivi tal-kontendenti. Jghid li l-iskavar li sar fuq is-sit ta' faccata dan gie esekwit fis-sena 2003 u d-dar ta' ommu ma sofriet ebda hsarat minn dan ix-xoghol. Qabel ma l-konvenut beda x-xoghol fid-dar tieghu fosthom li jibdel saqaf, iz-zewg periti rispettivi tal-kontendenti ghamlu condition report fuq id-dar ta' l-atturi fejn iccertifikawha li tinsab fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Dan ix-xhud jafferma

li wara li l-konvenut ebda x-xoghol bdew hergin il-konsenturi fil-kamra ta' ohtu. In kontro-ezami jikkonferma li s-sit skavat faccata tad-dar ta' ommu u ohtu kienet ghadha hofra u tinsab xi 12/15 il-pied boghod u kkonferma l-korrettezza tar-ritratti esebiti a fol 29, 30 u 31 tal-process.

Andrew Bezzina prodott mill-atturi w li kien il-bennej li hadmilhom ighid li fl-ambjenti ta' fuq kien hemm partijiet fejn ra t-tajn maqtugh u hargu xi konsenturi pero jispjega li l-qtugh kien biss fit-tikhil u mhux fl-istrutura.

Il-Perit Louis Borg inkarikat mill-atturi ikkonferma r-rapport tieghu a fol 22 tal-process u jispjega li fl-opinjoni tieghu l-hsarat konstatati fil-post tal-atturi kienu provenjenti mix-xoghol esekwit fil-post ta' tahtu cioe tal-konvenut.

Il-konvenut xehed fejn spjega li huwa beda x-xoghol f'Marzu tas-sena 2005 u spicchom fit-22 ta April 2005. Ighid li l-unika bicctejn xoghol li ghamel kienu li kkonverta bieb intern f'tieqa wara li wessaghha xi ftit u li bieb ta' barra ghat-trieq dawwarha f'tieqa. Meta rcieva l-ittra legali minnghand l-atturi, huwa kien wegibha fil-pront. Ighid illi l-perit tieghu kien qallu li hek kif sar ix-xoghol tieghu ma jistax ikun li dawn kienu l-kawza tal-hsara lamentata mill-atturi. Il-konvenut jissokta jafferma li t-twaqqiegh tar-razzett u l-iskavar li sar fuq sit faccata ta l-atturi, dan beda jsehh fis-sena 2002 u wara li waqfu ghal xi zmien regghum bdew ihammlu l-hamrija ghal hbata tas-sena 2004. Esebixxa zewg ritratti markati Dok JB1 u JB 2 fejn gie ndikat bil-blue il-fond ta l-atturi.

Il-Perit Paul Borg inkarikat mill-konvenut jispjega li x-xogholijiet ghand il-klijent tieghu beda ghal habta tas-sena 2004 pero in segwitu ighid li l-istess xogholijiet bdew wara l-4 ta' April 2005 cioe d-data ta meta sar l-access ghand l-atturi. In vista ta' dan jikkonkludi li x-xogholijiet allura tlestew ghal habta ta' Mejju 2005 anke in vista tal-ittra Dok PB 3. Dan ix-xhud esebixxa u kkonferma Dok PB 4 fejn jafferma li tenut kont tan-natura tax-xogholijiet esekwiti fil-fond ta' l-konvenut ma jistax ikun li dawn ikkawzaw sentejn wara l-konsenturi lamentati mill-atturi u li x'aktarx

l-istess konsenturi gew kkagunati minnhabba s-sit li jinsab skavat faccata tal-fond ta' l-istess atturi. In kontro-ezami jikkonferma li huwa baqa l-perit tal-konvenut sakemm tlestew ix-xogholijiet ghandu. Jispjega wkoll li meta jinfethu xi twieqi u jistriegh il-bini, generalment il-konsenturi johorgu mill-ewwel u mhux sentejn wara kif gara f'dan il-kaz.

Illi minnhabba d-divergenza bejn il-partijiet u l-istess periti tal-partijiet fuq x'setgha wassal ghal hsara sofferta fil-fond ta l-atturi, gie nominat il-Perit Valerio Schembri sabiex jirrelata fuq dan il-punt. Il-Perit Tekniku xehed fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2008. Gew indikati lilu xi konsenturi rqaq mill-atturi f'diversi partijiet tad-dar pero meta mistoqsi jaghti l-opinjoni teknika tieghu x'setgha wassal ghall-istess huwa rrisponda li qabel xejn kellu jara x-xhieda gia mressqa u kif ukoll l-entita tat-thaffir fis-sit tat-terz. Illi ghalhekk il-Perit gie awtorizzat ihejji rapport addizzjonali, din id-darba bil-miktub. Fir-rapport iskritt tieghu, huwa jikkonkludi li aktar verosimili l-verzjoni li l-hsara kienet fil-fatt kawzata mill-operat tal-konvenut u mhux mill-iskavar ta' faccata pero kuntrarjament ghal perit tal-atturi huwa jikkalkola l-valur tal-istess hsara fl-ammont totali ta Euro150.00 u mhux Euro465.87c (gia Lm200.00). Il-konkluzjoni peritali tal-espert nominat minn dan it-Tribunal ma jidhirx li gie b'xi mod kontestat minn xi naha jew ohra tal-kontendenti u ghalhekk l-istess Tribunal sejjer jabbraccja l-istess konkluzjonijiet peritali fl-intier taghhom.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, kwindi jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal hsarat kawzati fil-proprjeta tal-atturi, jillikwida l-istess hsarat fl-ammont ta' Euro150 (mija u hamsin ewro) kif valutati mill-espert tekniku nominat minn dan it-Tribunal u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata fl-ammont ta' Euro150.00 (mija u hamsin ewro). Spejjes tal-espert tekniku ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn iz-zewg partijiet filwaqt li l-kumplament tal-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------